MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 129/2010

AB f'isimha proprju u bhala legittima rapprezentanti ta' bintha X

**Vs.**

1. CD

2. Direttur tar-Registru Pubbliku

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attrici f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' bintha AB, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet illi :

1. Hija kellha relazzjoni mal-intimat CD li minnha twieldet il-minorenni X fl-4 t'Awwissu, 1993;

2. Sakemm il-partijiet kienu ghadhom f'relazzjoni u anke ghal xi zmien wara illi din ir-relazzjoni ntemmet, l-

intimat CD dejjem gharaf, anke jekk informalment, lill-minorenni X B bhala bintu; huwa sahansitra pprova jaghraf lill-istess bintu formalment pero` ma giex hekk permess stante illi ma kienx ghad kellu l-eta` rikjesta mill-ligi.

3. Illum l-intimat C D qieghed jirrifjuta illi jaghraf lill-minorenni X B bhala bintu; dan minkejja illi gie debitament interpellat permezz ta' ittra gudizzjarja datata 8 ta' Frar 2010;

4. L-intimat C D qieghed ukoll jirrifjuta illi jhallas retta alimintarja kwalunkwe versu l-bzonnijiet tal-istess minorenni, inkluz arretrati tal-istess.

**<u>Raguni tat-talba</u>**

1. Ghalhekk kellhom jigu stitwiti dawn il-proceduri.

Talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

***1.*** Tiddikjara okkorrendo permezz ta' periti nominandi, illi l-minorenni X B hija wild naturali u bijologiku tal-intimat C D;

***2.*** Tordna t-tiswijiet kollha mehtiega fl-att tat-twelid relattiv tal-minorenni X B – 3580/1993 – u dan billi minflok il-kliem 'unknown father' fil-kolonna ntestata 'isem u kunjom' magenb il-kliem 'missier it-tarbija' jitnizzel isem u kunjom l-intimat C D u kull tiswija jew annotazzjoni ohra necessarja, u dan flimkien ma' kull taghrif iehor talvolta mehtieg mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ghat-tiswijiet hawn rikjesti;

***3.*** Tiffissa retta alimintari xierqa ghall-minorenni X B, inkluz arretrati tal-istess mid-data tat-twelid tal-imsemmija minorenni jew minn kull data ohra illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa fic-cirkostanzi;

***4.*** Tikkundanna lill-intimat C D jhallas dik ir-retta alimintari stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti skont it-talba precedenti, inkluz l-arretrati tal-istess mid-data tat-twelid tal-imsemmija minorenni jew minn kull data ohra illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa fic-cirkostanzi.

***5.*** Taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jidrulha idonei fic-cirkostanzi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat C D inkluzi dawk tal-ittra gudizzjarja datata 8 ta' Frar 2010, li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku , li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi preliminarjament l-esponent jistqarr I hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernati sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet gentici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla hsara ghall-premess f'kaz li tintlaqa` l-ewwel talba attrici l-esponenti jinvita lill-intimat C D sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu senjatament (1) l-isem u l-kunjom (2) id-dokument tal-identita`, (3) l-eta` tieghu meta twieldet it-tifla, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post tar-residenza tieghu meta twieldet it-tifla, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet it-tifla. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tat-tifla X;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema

kunjom ghandha tassumi l-minuri X a tenur tal-Artikolu 92(6) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi wkoll minghajr pregudizzju ghas-suriferit l-esponent jiddikijara li jkun x'ikun l-ezitu tal-ewwel zewg talbiet attrici huwa assolutament mhuwiex il-legittimu kontradittur tat-talbiet numru 3, 4 u 5 kif hekk dedotti fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa ghandu jigi gudizzjarjament liberat minnhom;

5. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ngunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut C D li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

**1.** Illi l-ewwel talba hi kontestata, u ghalhekk ir-rikorrenti trid tissodisfa l-elementi kollha rikjesti fil-Kap. 16 biex jigi ppruvat skont il-ligi li l-intimat hu l-missier naturali ta' X B, li llum ghandha **sbatax (17) il-sena.**

**2.** Illi t-tieni talba hi konsegwenzjali ghall-ewwel talba u ghalhekk l-ezitu ta' din it-talba hu marbut mad-decizzjoni li ser taghti din l-Onorabbli Qorti dwar l-ewwel talba.

3. Illi t-tielet u r-raba` talba[1] huma irriti u nulli, stante` li ma gietx segwita l-procedura ta' medjazzjoni tassattiva

[1] Fejn qed jintalab il-hlas ta' manteniment ghall-minuri X B

rikjesta qabel ma tinfetah il-kawza kif kontemplat fir-Regolament 9 tal-Avviz Legali 397 tal-2003, u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha jew tichad it-tielet u r-raba` talba jew tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal dan, u f'kaz biss li din l-Onorabbli Qorti tirrigetta t-tielet ecezzjoni, l-intimat m'ghandu jhallas l-ebda manteniment ghal X B.

5. Illi f'kull kaz it-tielet u r-raba` talba huma milquta *in parte* bi preskrizzjoni kwinkwennali skont l-artikolu 2156(b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi l-kawza odjerna hi wahda **malizzjuza u vessatorja** u saret biss biex tirreka dannu lill-intimat u sabiex ir-rikorrenti tfarrak lill-familja tal-intimat, kif gara liz-zwieg taghha. Dan hu apparenti ghaliex snin ilu l-intimat gie mgharraf mir-rikorrenti li hu kien il-missier naturali ta' X B, sakemm sussegwentement u snin twal ilu wkoll ir-rikorrenti gharrfet lill-intimat li X B hi bint ragel iehor.

7. Illi sussegwentement ir-rikorrenti zzewwget lir-ragel iehor u llum hi separata minnu, u ghalhekk qatghet lill-intimat minn hajjet il-minuri ghal dawn is-snin kollha. Jigi rilevat ukoll li r-rikorrenti ghandha numru ta' wlied, apparentement minn irgiel differenti. Issa ghax l-affarijiet marru hazin fil-hajja taz-zwieg tar-rikorrenti, hi vventilat din l-azzjoni.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut C D;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba da parti tal-attrici u cioe' omm il-minuri X B f'isimha proprju kif ukoll bhala kuratrici tal-istess bintha l-minuri sabiex ikun hemm bdil fic-certifikat tat-twelid[2] tal-imsemmija minuri fis-sens li dan jibda jindika lill-intimat C D bhala missierha naturali minflok ma jibqa' bhala wild ta' *unknown father*. L-attrici qieghda titlob ukoll li din il-Qorti tillikwida ammont ta' manteniment dovut ghall-minuri da parti tal-intimat C D kif ukoll talba konsegwenzjali sabiex l-istess intimat C D jhallas tali manteniment hekk kif likwidat.

Peress li fir-risposta guramentata tieghu l-intimat C D eccepixxa eccezzjonijiet ta' natura preliminari din hija sentenza preliminari abbazi tat-tielet u l-hames eccezzjoni tal-istess intimat C D.

**<u>Dwar it-tielet eccezzjoni u cioe' li t-tielet u r-raba' talbiet attrici relatati mal-likwidazzjoni u hlas ta' manteniment, inkluzi l-arretrati tal-istess mid-data tat-twelid tal-minuri huma irriti u nulli stante li ma gietx ezegwita l-procedura ta' medjazzjoni tassattiva qabel ma tinfetah il-kawza</u>**

Illi il-Qorti tirrileva li r-Regolament 9(1) tal-Avviz Legali 397 tal-2003 jsegwi hekk:

"***Minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tar-regolament 4 sa 7 meta persuna tkun trid tipprocedi quddiem il-Qorti fuq is-segwenti-***

***(a) nuqqas ta' qbil bejn partijiet, sew mizzewgin jew le, dwar il-kustodja, manteniment u access ta' wliedhom….dik il-parti ghandha fl-ewwel lok, tipprezenta ittra fir-registru tal-Qorti fejn tghid x'inhi t-talba taghha, li jkun fiha d-dettalji elenkati fir-regolament 4(1) u li tkun iffirmata u tigi prezentata skond ma hemm f'dik id-disposizzjoni***"

**Ir-regolament 9(2) imbaghad jipprovdi hekk:**

[2] Esebit a fol 4 tal-process

***"Il-Qorti ghandha ssejjah lill-partijiet biex jidhru quddiem medjatur u ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tar-regolament 4(3)"***

Il-Qorti tirrileva li l-Artikoli hawn fuq citati ma jhallu ebda ombra ta' dubju dwar l-applikabbilita' u l-aspett tassattiv tal-medjazzjoni bejn il-partijiet dwar kwistjonijiet ta' manteniment. Il-Qorti tifhem ukoll li l-attrici ma setghetx tintavola proceduri ta' medjazzjoni kontra l-intimat *stante* li dan, sal-lum m'huwiex rikonoxxut bhala l-missier naturali tal-minuri (u dan huwa rekwizit essenzjali sabiex ikunu jistghu jigu intavolati proceduri ta' medjazzjoni u dan kif wara kollox targumenta l-istess attrici permezz tan-nota ta' sottomissjonijiet taghha) izda dan bl-ebda mod ma jista' qatt ifisser li permezz tal-proċedura ojderna, l-istadju tal-medjazzjoni jista' b'xi mod jigi maqbuz u mwarrab. Il-ligi taghmilha cara li jkun biss f'kaz li l-partijiet ma jaslux ghal ftehim li dawn imbaghad ikunu awtorizzati jintavolaw kawza ad hoc. Ghalhekk, il-Qorti thoss li sabiex il-kwistjoni ta' manteniment tigi deciza (u dan wara li jigi deciz il-mertu tal-kaz odjern relatat mal-paternita' *o meno* tal-istess minuri) il-partijiet necessarjament iridu jkunu ghaddew mill-proceduri tassattivi u obbligatorji tal-medjazzjoni.

<u>**Dwar il-hames eccezzjoni u cioe' li t-tielet u r-raba' talbiet attrici huma milquta *in parte* bi preskrizzjoni kwinkennali skond l-Artikolu 2156(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**</u>

Illi il-Qorti tinnota li l-unika ittra uffiċjali li l-attriċi intavolat kontra l-intimat C D sabiex jirrikonoxxi l-minuri X kienet dik tat-8 ta' Frar 2010 u cioe' meta l-minuri kellha diga' sbatax –il sena. Il-Qorti ma tistax ma taffermax li l-attrici zgur li hadet iz-zmien taghha sabiex tiehu l-passi necessarji sabiex tinterpella lill-intimat C D sabiex jirrikonoxxi lil minuri bhala bintu. Tant hu hekk li l-kawza odjerna giet intavolata xahrejn wara tali ittra msemmija. X'kienet ir-raguni li l-attrici damet dawn is-snin kollha sabiex tinterpella lill-intimat sabiex jirrikonoxxi lill-minuri bhala bintu naturali?

Illi l-intimat jeccepixxi l-Artikolu 2156(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u permezz tieghu jikkontendi li anke f'kaz li din il-Qorti tikkoncedi t-tielet talba attrici, l-arretrati huma *in parte* milquta bil-preskrizzjoni kwinkwennali. Ghalhekk, l-istess intimat jargumenta li fl-ahjar xenarju ghall-istess attrici, huwa l-manteniment tal-ahhar hames snin qabel ma giet intavolata l-ittra ufficjali li jista' jkun dovut. F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Victoria Camilleri et vs Mahmoud Faraj Abdul sive Joseph Kareem**[3] fejn gie dikjarat li "***l-artikolu 2156(b) jikkolpixxi kwalsiasi azzjoni, indipendentement minn fejn torigina, ghall-hlas tal-manteniment***". Il-Qorti tirrileva li f'kazijiet simili fejn tigi eccepita l-preskrizzjoni, allura l-oneru tal-prova relatata ma' xi forma ta' interruzzjoni jew sospensjoni taqa' necessarjament fuq l-attrici. Dan qieghed jinghad ghaliex kif qalet tajjeb il-Qorti Civili fil-kawza citata aktar 'il fuq "***provocata la prescrizione incombe ghall-attore di provare la sua interruzione; ed in difetto di tale prova, l'eccezione di prescrizione non puo' essere rigettata***". L-attrici, kif diga' intqal aktar 'il fuq, intavolat ittra ufficcjali sabiex l-intimat jirrikonoxxi lill-minuri fi Frar 2010. L-ebda ittra ufficcjali ohra ma giet intavolata qabel din id-data. L-attrici ma ghamlet ebda talba ghal manteniment jew intavolat xi proceduri ohra ghajr ghal dawk tas-sena 2010.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-gurisprudenza citata mill-attrici u cioe' dik fl-ismijiet **Mary Ann Borg et vs Korporazzjoni Enemalta u Charles Bonello**[4] fejn gie ritenut illi "***l-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn dakinhar li l-azzjoni tista' tigi ezercitata***". Permezz ta' din il-gurisprudenza, l-attrici targumenta li l-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn mindu l-intimat C D jigi rikonoxxut bhala l-missier naturali izda il-Qorti ma taqbilx ma' din l-interpretazzjoni ghaliex ma kien hemm xejn xi jzomm lill-attrici milli tfittex lill-intimat sabiex jirrikonoxxi lil bintu u konsegwentement jibda jhallas il-manteniment qabel. Dan id-dritt seta' kien ezercitat sa' mid-data tat-twelid tal-istess minuri, izda l-attrici, kif diga' intqal aktar 'il fuq, ghazlet li

[3] Citazzjoni Numru 533/2000 deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[4] Deciza fl-20 ta' Jannar 2010 (Citazzjoni Numru 426/2005)

tintavola ittra ufficjali fi Frar 2010, precizament sbatax –il sena wara t-twelid tal-minuri. Li kieku l-azzjoni odjerna giet intavolata mat-twelid tal-minuri jew ghall-anqas fi zmien propizju, il-Qorti kienet setghet tifhem it-talba ghall-arretrati ta' manteniment, anke sakemm ikun hemm gudizzju finali relatat mal-paternita' *o meno* tal-intimat, pero' zgur li dan mhux il-kaz odjern.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-tielet eccezzjoni u konsegwentement tiddikjara li t-tielet u r-raba' talbiet attrici huma irriti u nulli u tilqa' wkoll il-hames eccezzjoni billi tiddikjara li t-talba ghall-arretrati ta' manteniment hija milquta mill-preskrizzjoni kwinkwennali *ai termini* tal-Artikolu 2156(b) tal-Kap. 16. Il-Qorti tordna l-prosegwiment tal-kawza odjerna fuq il-merut tal-kaz u cioe' fuq l-ewwel u t-tieni talbiet attrici u thalli l-kawza ghall-provi tal-attrici ghall-1 ta' Novembru, 2012 fl-10.00a.m.

Bl-ispejjez ta' din is-sentenza preliminari kontra l-attrici A B.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------